C/2023/1253

28.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11273 — BROMIA / RAIFFEISEN BANK INTERNATIONAL / RAIFFEISEN CONTINUUM MANAGEMENT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1253)

1. Fl-20 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Raiffeisen Bank International AG ("RBI", l-Awstrija),

— BROMIA Beteiligungs GmbH ("BROMIA", l-Awstrija), ikkontrollata minn Raiffeisen-Holding Niederösterreich-Wien reg. GenmbH ("RH", l-Awstrija),

— Raiffeisen Continuum Management GmbH ("RCM", l-Awstrija).

RBI u RH jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' RCM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— RBI huwa grupp bankarju Awstrijak b'enfasi fuq is-swieq tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant,

— RH hija kumpanija ta' investiment li tinvesti fis-setturi agrikoli, bankarji, tal-media u tal-infrastruttura,

— RCM hija attiva fil-ġestjoni ta' fondi ta' investiment alternattivi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriż ([2])i jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11273 — BROMIA / RAIFFEISEN BANK INTERNATIONAL / RAIFFEISEN CONTINUUM MANAGEMENT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË